# ID-DAWL

APRIL 2025 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 88

**"Fittxu l-għajnuna bis-sabar u bit-talb; u dan tabilħaqq huwa iebes ħlief għall-umli fl-ispirtu."**



Ħniena u Kompassjoni | Tagħlim ċar | L-Umiltà Valur mill-isbaħ | Eżempju ta' Tmexxija

Editorjal

# Uru ħniena u kompassjoni

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Dak kollu li jinsab fid-dinja ġie maħluq minn Alla u Alla biss u Sid ta' kollox. Alla l-Ħanin jgħid fil-Koran Imqaddes: "Huwa Alla li ħalaq għalikom dak kollu li jinsab fl-art." (2:30)

Għalhekk, minflok li naħtfu u nżommu kollox jew kemm nistgħu għalina, huwa ferm importanti li naqsmu ma' ħutna u dejjem inkunu ġenerużi u ta' qalb tajba.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], jgħid:

**"Uru ħniena ma' dawk li jkunu taħtkom; kunu ġenerużi mal-partners tagħkom u ma' ħutkom li huma fqar, ħalli fis-smewwiet intom ukoll tintlaqgħu bis-sewwa. Intom tassew issiru Tiegħu, u b'hekk Alla jsir tagħkom ukoll."**

**"Jekk inti kbir, uri ħniena ma' min hu żgħir — mhux stmerrija; jekk inti bravu u tal-iskola għin lil min ma jafx bi kliem għaqli; qatt tipprova tkażbar l-injoranza tagħhom billi turi kemm taf int. Jekk inti għani, minflok tittrattahom b'sens ta' kburija disprezzabbli, inti għandek isservi lill-foqra."**

## ID-DAWL

APRIL 2025 – Numru 88 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Mercy and compassion 02
Unambiguous teaching 03
Humility: A beautiful value 04
Example of leadership 07
In Brief 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Robert Harding Video | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Q&A

# Għaliex Alla ma ddikjarax kollox b'termini assolutament ċari?

Xi ħadd kiteb lill-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana u staqsieh għala Alla l-Eżaltat qal affarijiet ikkumplikati fil-Kotba Mqaddsa minflok ma fisser kollox f'termini sempliċi u ċari, anki meta Huwa kien jaf li aktar tard kienu ser jinqalgħu l-argumenti.

Huwa wieġeb hekk:

"Il-fatt hu li l-isfidi huma meħtieġa biex wieħed ikollu livell għoli ta' fidi. Dak huwa għala fil-versi tal-bidu ta' *Surah al-Baqarah* [it-tieni kapitlu tal-Koran Imqaddes], wieħed mis-sinjali tad-devoti li jimxu fit-triq is-sewwa u jkollhom suċċess huwa li huma jemmnu 'f'dak li ma jidhirx'.

Għaldaqstant, il-fidi hija dejjem ta' benefiċċju meta jkun hemm aspett ta' ħabi fiha ħalli d-differenza bejn wieħed li jemmen u wieħed li ma jemminx toħroġ aktar ċara."

Il-Messija Mwiegħed[as], filwaqt li fisser l-għerf wara dan il-ħabi, stqarr:

"Fi profezija, huwa wkoll neċessarju li jkun hemm xi elementi ta' ħabi u ħwejjeġ li jkunu suxxettibbli għal interpretazzjonijiet varji. Dan dejjem kien il-mod kif jaħdem Alla…

Alla jittestja lill-qaddejja Tiegħu ħalli jara min minnhom huwa devot u jagħraf il-verità mis-sinjali tagħha u jemminha."

(*Malfuzat* [Urdu], Vol. 9, pp. 283, Edizzjoni 1984)

**"Tassew, Allah jitolbok li tirrispetta l-ġustizzja, u li tittratta l-proxxmu b'korteżija, u li tagħti bħalma jagħtu l-qraba lil xulxin; u Huwa ma jippermettix l-indiċenza, u t-turija tal-ħażen u t-trasgressjoni. Huwa jwiddbek ħalli inti tagħti kas."**
(Il-Koran Imqaddes, 16:19)

# L-umiltà: Valur mill-isbaħ

## Il-Koran Imqaddes

"Fittxu l-għajnuna bis-sabar u bit-talb; u dan tabilħaqq huwa iebes ħlief għall-umli fl-ispirtu, li jafu żgur li se jiltaqgħu ma' Sidhom, u lilu jerġgħu lura." (2:46-47)

"Tabilħaqq li dawk li jemmnu, jagħmlu għemejjel tajba u jiċċekknu quddiem Sidhom — dawk huma nies il-Ġenna, u fiha jgħammru għal dejjem." (11:24)

"Kulma hemm fis-smewwiet u kull ħlejqa li hemm fl-art, u l-anġli wkoll kollha jissottomettu ruħhom b'umiltà lejn Alla, u ma jġibux ruħhom b'kburija." (16:50)

## Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li meta l-persuna tkun f'qagħda ta' prostrazzjoni—il-pożizzjoni aħħarija tal-umiltà—għandha tfittex il-ħniena ta' Alla u l-maħfra Tiegħu, għax f'dik il-pożizzjoni t-talb tagħha jinstema' ħafna aktar minn Alla l-Ħanin.

Il-kburija u l-arroganza huma l-karatteristiċi ta' Satana misħut
Il-wild ta' Adam—il-bniedem ta' Alla, huwa dak li hu umli.
O insett tal-art (l-arroganti)! Aqta' l-kburija, is-suppervja u l-arroganza
Il-kburija tixraq biss lill-Onorevoli Alla li jista' kollox.
F'moħħok, ikkunsidra lilek innifsek inferjuri minn kulħadd
Forsi tista' tidħol fid-Dar tal-Unjoni b'dan il-mod.
Aqta' l-kburija, is-suppervja u l-arroganza—għax din hija l-virtù
Inżel fit-trab (sir umli)—għax din hija x-xewqa tal-Mulej.

Bla dubju ta' xejn, l-arroganza u l-inkwiet huma karatteristiċi mhux mixtieqa. Għemejjel tajbin ta' snin twal jistgħu jinħlew minħabba żball żgħir li jirrifletti l-arroganza. L-arroganza teqred il-bniedem għalkollox.



Pixelvario | Shutterstock

## Storja edukattiva

Huwa miktub li kien hemm raġel ġust li kien jgħix fuq muntanja u kienet ilha ma tinżel ix-xita hemmhekk għal ħafna żmien. Ġurnata waħda hekk kif niżlet ix-xita din tferrgħet fuq il-blat u l-ġebel ukoll.

F'qalbu qamet oġġezzjoni li x-xita kienet meħtieġa għall-għelieqi u l-ġonna tal-frott. Kieku x-xita niżlet biss fuq l-għelieqi, flok il-blat, kienet tkun ferm aħjar. Ħaseb minħabba l-arroganza tiegħu li Alla ħela l-għan veru tax-xita.

Meta sema' din l-oġġezzjoni arroganti, Alla ċaħħdu mill-qdusija tiegħu. Kien imdejjaq ħafna u tkellem raġel qaddis ieħor dwar dak li ġara.

Il-qaddis l-ieħor qal, "Għaliex oġġezzjonajt? Int ġejt ikkastigat għal dan l-iżball. Kun umli u itlob il-maħfra minn Alla sabiex Hu jaċċettak mill-ġdid."

Ir-raġel ġust, li kien irċieva l-kastig, talab il-maħfra mingħand Alla u wiegħed li qatt mhu se jkun arroganti fil-futur, dejjem se jibqa' saqajh mal-art u jżomm lilu nnifsu umli ħafna. Għalhekk, Alla ħafirlu.

Din l-istorja turi b'mod ċar li l-arroganza hija l-velenu li jeqred lill-bniedem u 'l-ġustizzja tiegħu, u fuq naħa oħra l-umiltà hija t-triq tas-suċċess u t-triq tal-ġusti.

## Siġra mgħawġa u siġra dritta

Kull wieħed u waħda minna esperjenzajna f'xi żmien matul ħajjitna ż-żjara fi ġnien. Dawk is-siġar li huma mingħajr xi frott, huma dejjem dritti u għoljin, filwaqt li dawk is-siġar li huma mimlijin frott, dejjem jitgħawġu; aktar ma siġra għandha l-frott fuqha, aktar titgħawweġ.

Darba qrajt xi vers tal-poeżija li jfisser dan is-suġġett b'mod tajjeb ħafna li, il-fergħa titgħawweġ meta jkollha l-frott u l-fjuri fuqha; għalhekk, jekk inkunu qed nitgħawġu, ifhmu li aħna mimlijin bil-frott. Jekk aħna umli, allura ifhmu li aħna produttivi, aħna ta' valuri, aħna nies ta' karattru sod u tajjeb.

Dan l-eżempju huwa ċarissmu bħall-kristall li dawk li huma arroganti, huma bla valur, huma bla frott, huma bla karattru; il-but tagħhom huwa vojt għalhekk ma għandhomx x'joffru lil ħaddieħor.

Iżda, dawk li huma umli, huma mimlijin bi fjuri u frott frisk u bnin, huma jbaxxu rashom minħabba l-piż tal-valuri morali, il-virtujiet u l-karattru


Standret | Shutterstock

## Eżempju dejjiemi ta’ eċċellenza fit-tmexxija


Photo by Michal Balog on Unsplash.jpg

eċċellenti tagħhom.
Darba waħda Umar, it-Tieni Kalif tal-Iżlam, kien għaddej minn triq qrib il-belt ta’ Medina billejl. Din kienet id-drawwa tiegħu li jimxi fit-toroq billejl biex jara b’għajnejh is-sitwazzjoni tan-nies li kienu taħt il-ħakma u s-saltna tiegħu.

Meta kien għaddej minn triq sema’ minn dar il-biki tat-tfal li dehru muġugħin. Hu ħabbat il-bieb u meta l-mara tad-dar fetħet Umar ra li kien hemm tlett itfal li qegħdin madwar in-nar u fuq in-nar kien hemm kitla tagħli. Hu staqsa x’ġara. Għaliex it-tfal kienu qed jibku? U x’kienet qed issajjar? Hi qalet: “It-tfal tiegħi kienu bil-ġuħ u ma kellix biex nagħtihom x’jieklu. F’din il-kitla hemm l-ilma u xi ġebliet biss, u għamilt dan biex nagħtihom l-impressjoni li jiena qed insajjar xi ħaġa għalihom. Dan huwa dak li qed tara.”

B’uġigħ kbir u diqa ta’ qalb, Umar immedjatament reġa’ lura u mar dritt lejn il-kamra tal-gvern fejn kien hemm affarijiet tal-ikel. Hu ġabar xi dqiq, butir, laħam, tamal u xi affarijiet oħra u poġġa kollox fi xkora. Umar mar lura bl-ikel kollu u tahom lil dik il-mara, u qalilha li meta jkollha bżonn ta’ xi ħaġa tmur għandu. L-għada filgħodu beda jagħti wkoll għajnuna finanzjarja għal din il-familja, biex jgħixu aħjar u b’dinjità.

# Fil-Qosor

## Nefqa għal Alla
"Min jonfoq xi nefqa għal Alla, jinkitiblu *(ħlas ta')* seba' mitt darba aktar."*

## Il-karità
"Ibżgħu min-Nar ta' dejjem u żommu 'l bogħod minnu billi tagħtu mqar biċċa tamra f'karità."*

## Il-ġenerożità
"Il-bniedem ġeneruż huwa qrib ta' Alla l-Għoli, qrib tan-nies, qrib tal-Ġenna u mbiegħed min-Nar. Ix-xħiħ huwa mbiegħed minn Alla, imbiegħed min-nies, imbiegħed mill-Ġenna, u qrib tan-Nar."*

## L-aħjar karità
Liema hija l-karità li ġġib l-akbar ħlas? Li tagħti l-karità meta tkun b'saħħtek, meta tkun tibża' mill-faqar u tkun tixtieq l-għana. Ma għandekx toqgħod tistenna li ħajtek tasal fl-aħħar u mbagħad tgħid: "Dan għat-tali," u "Dan għall-ieħor."*

## Mġiba tajba mal-ġenituri
"Jitkażbar, jitkażbar u jitkażbar min jgħix biżżejjed li jara x-xjuħija ta' ommu jew ta' missieru, jew tagħhom it-tnejn, u ma jidħolx il-Ġenna *(għaliex ma jkunx dar bihom)*."

## Relazzjonijiet tajbin mal-ġirien
"Kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, ma għandux iweġġa' lil ġaru, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jagħti ġieħ u jkun ġeneruż mal-mistiedna tiegħu, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jgħid biss dak li hu tajjeb, inkella jiskot."

## Intenzjonijiet u għemejjel
"L-għemejjel huma skont l-intenzjonijiet, u kull bniedem ma jiksibx għajr dak li kellu f'rasu."

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**